# 40 Sena mill-Ktieb ta' Patri Romeo Grech O. Carm.

*minn Charles Portelli*

Fis-sena 1970 f'għeluq l-erba' mitt sena mid-dħul tal-Patrijiet Karmelitani fil-Belt Valletta, Patri Romeo Grech O.Carm kiteb il-ktieb bl-isem ta' **'Il-Bażilika Santwarju tal-Karmnu fir-Raba' Mitt Sena Tat- Twaqqif Tagħha'**. Kif kiteb Patri Romeo stess fid-daħla tal-ktieb, il-ħsieb kien biex jiċċara xi punti storiċi. Dan huwa ktieb li mhux twil biex taqrah, imma l-punti storiċi li fih jagħmluh importanti, tant li jkompli jsawwar l-istorja hekk sabiħa li għandu is-Santwarju tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Għalhekk tajjeb, li d-devoti u dawk kollha li għandhom għal qalbhom is-Santwarju u Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta, jaqraw dan il-ktieb li huwa żgħir fid-daqs imma kbir fl-istorja u l-ħsieb tal-awtur.

L-ewwel suġġett li jittratta dwaru Patri Romeo, huwa t-twaqqif tal-knisja u l-kunvent. Wara li l-patrijiet Karmelitani kienu ilhom jabitaw f'Malta sa mis-sena 1418 fl-inħawi tar-Rabat, fejn illum huwa magħruf bħala l-Lunzjata, ħassew il-bżonn li jiftħu kunvent ieħor. Wara l-Assedju l-Kbir mill-ewwel ħasbu biex jixtru biċċa art fil-Belt il-ġdida Valletta u propju dan kien fis-sena 1570. Il-kuntratt sar fil-Belt il-ġdida Valletta quddiem in-nutar Placidu Habel fis 27 ta' Lulju tal-istess sena. F'dan il-ktieb Patri Romeo saħansitra jsemmi dawk l-individwi li kienu preżenti meta sar il-kuntratt. Patri Romeo jsemmi wkoll l-ismijiet tat-toroq ta' fejn inxtara l-kwadran kif kienu f'dak iż-żmien, il-prezz tal-art u anke kif ġew imħallsa l-flus. Wara dawn, jissemmew kif ġew mogħtija l-ismijiet tal-knisja u tal-kunvent. Oriġinarjament u kif ġie miftiehem waqt il-kuntratt l-isem tal-knisja u l-kunvent huwa tal-'Beatissima Verġni Marija tal-Ordni Karmelitan'. Fil-fatt dan huwa l-isem uffiċjali, sew tal-knisja u anke tal-kunvent. Meta wieħed jiġi biex jaqra dan il-ktieb ikun jista' jidħol aktar fid-dettal dwar dan is-suġġett.

Ix-xogħol tal-bini beda malajr wara x-xiri tal-art, u x'aktarx li għall-ewwel il-knisja kienet żgħira. Patri Romeo jgħidilna li ħames snin wara bdiet tinbena l-knisja l-kbira, dik li kien hemm qabel dik li għandna llum. Fil-ktieb Patri Romeo jsemmi diversi viżti li għamlu persuni importanti bħal Mons.Pietro Duzzina li għamel viżta fil-knisja tal-Karmnu fid-19 ta' Frar tal-1575 fejn qal li għadha kemm bdiet tinbena knisja ġdida. F'dan il-ktieb insibu wkoll li fil-Knisja tal-Karmnu tal-Belt il-ġdida Valletta bdew jiġu amministrati l-ewwel sagramenti minn Dun Teramo Balzan, wieħed mis-saċerdoti li nsibu fil-viżta ta' Mons.P.Duzzina. Dan il-qassis ġie ordnat li jeżerċita dan l-uffiċċju ministerjali tiegħu mill-maġġor parti tal-Kapitlu tal-Katidral u bl-ordni tal-Vigarju Ġenerali. Punti aktar fid-dettal fuq dan is-suġġett insibuhom f'dan il-ktieb.

Suġġet ieħor interessanti huwa kif bdew jinbnew l-ewwel knejjes fil-Belt il-ġdida fejn Patri Romeo jsemmi li l-ewwel knisja pubblika u sagramentali kienet il-knisja tal-Karmnu. Patri Romeo semma diversi punti storiċi bħal kif inxtraw u ingħataw l-artijiet u anke kif saru l-kuntratti quddiem in-nutara. Fost id-diversi knejjes li jsemmi Patri Romeo, insibu l-kappella tal-Vitorja, il-knisja tal-Griegi, dik ta' Santa Marija ta' Portu Salvu, ta' Santu Wistin u dik ta' San Ġwann.

Kapitlu ieħor interessanti u importanti li kiteb fuqu Patri Romeo, huwa kif maż-żmien il-knisja tagħna ħadet it-titli ta' Bażilika u Santwarju. Huwa jagħti spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfissru dawn iż-żewġ titli hekk imsejħa kbar. Min ikollu l-opportunita' li jaqra dan il-ktieb, jista' jara l-ispjegazzjoni dettaljata ta' kif jingħata t-titlu ta' Santwarju, kif saret it-talba u anke tal-istess inkurunazzjoni ta' nhar il-15 ta'Lulju tal-1881. Patri Romeo tana dan kollu f'dan il-ktieb li huwa parti mill-istorja importanti li għandha l-knisja tagħna. Wara li l-knisja ġiet mogħllija f'Santwarju, erbatax-il sena wara fl-1895 il-Papa Ljun XIII b'digriet tat-13 ta' Mejju tal-istess sena għolla is-Santwarju tagħna għad-dinjita' ta' Bażilika Minuri bħal dawk ta' Ruma, bl-użu tal-Artal Papali, it-Tribuna, l-Umbrellun Bażilikali u t-Tintinnablu. Dan id-digriet jinsab fil-Kunvent tal-istess Santwarju u Bażilika (kif tissejjaħ illum il-knisja tal-Karmnu) fil-Belt Valletta.

L-aħħar suġġett li jittratta fuqu Patri Romeo fil-ktieb tiegħu, huwa kif il-knisja tal-Karmnu serviet bħala parroċċa bejn Diċembru tal-1570 u Diċembru tal-1582.. Il-bidu ta' dan kien meta il-Vigarju Ġenerali ta' dak iż-żmien Dun Anton Bartolo, Sede Vacante, flimkien mal-Kapitlu tal-Katidral stabbilixxa li l-Knisja tal-Karmnu tkun il-knisja tal-parroċċa tal-Belt il-ġdida. Dan sar ukoll wara li l-istess Kapitlu tal-Katidral ra li fil-

Belt kien hemm knisja pubblika u sagramentali li din kienet il-knisja tal-Karmnu. Il-Vigarju Ġenerali bagħat lil Dun Teramao Balzan biex jamministra l-ewwel sagramenti f'din il-knisja u sejħilha "Knisja tal-Parroċċa tal-Belt il-ġdida Valletta". It-twaqqif legali tal-parroċċa mbagħad sar fl-1571. Dan wara li fil-Belt il-ġdida bdew jiżdiedu n-nies u l-Gran Mastru Pietro Del Monte kiteb lil Vigarju Ġenerali biex jibgħat xi saċerdot biex jamministra s-sagramenti. Il-Vigarju ġenerali Dun Anton Bartolo sejjaħ malajr Konsulta tal-Kapitlu tal-Katidral fit-22 ta'April tal-1571, din tinsab fl-Arkivju tal-Katidral kif jistqarr Patri Romeo stess. Fil-ktieb nistgħu naraw id-delibirazzjoni sħiħa flimkien mad-digriet tal-Kapitlu tal-Katidral bil-mandat tal-Vigarju Ġenerali. Fit-twaqqif tal-parroċċa tal-Belt il-ġdida kollox kien legali jiġifieri magħmul skont id-Dritt Kanoniku ta' dak iż-żmien li kien il-Konċilju Tridentin. Fl-aħħar żewġ paġni tal-ktieb insibu kif il-patrijiet kienu jeżerċitaw mill-uffiċċju tal-Kappillan, u min kienu l-Kappillani li servew f'dawk it-tnax-il sena.

Għeluq l-erbgħin sena mill-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb, ħajjarni nikteb dan l-artiklu dwar dan il-ktieb. Inħeġġeġ lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom is-Santwarju u Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta biex jaqraw dan il-ktieb, li jagħti spjegazzjoni dettaljata sa mill-bidu li l-Patrijiet Karmelitani daħlu fil-Belt il-ġdida Valletta fl-1570, li din is-sena jaħbat l-440 anniversarju.

**Min jixtieq jakkwista kopja ta' dan il-ktieb, din tinsab għall-bejgħ mis-Santwarju stess.**




*L-ewwel knisja pubblika u Sagramentali fil-Belt Valletta.*
*Ritratt meħud mill-magażin "Flair" li juri l-pożizzjoni fejn hemm il-knisja tal-Karmnu.*
*Din il-mappa kienet ippubblikata fil-1572*



*L-arma tal-Ordni Karmelitan u s-Sopra Porta tal-fidda li hemm fuq is-Santwarju*